# Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. R5/11

**Minuti tal-Ħames laqgħa li saret il-Ħamis 06 ta' Jannar 2011.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa' fit-4.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Preżenti; Dott. Samuel Azzopardi (President); Paul Buttiġieġ (Viċi-President), il-membri David Apap, Joe Grima, Noel Formosa, Salvu Borġ, Joseph Sultana, Carmelo Saliba, Joe Cordina, Dr Monica Vella, Philip Vella, Emanuel Mintoff (membru sostitut) u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Skużati Frans Cauchi u Miriam Portelli.

Intqalgħet it-talba. Peress li l-minuti ntbagħtu mal-aġenda, il-Minuti tal-laqgħa tal-19 ta' Novembru ttieħdu bħala moqrija bi qbil unanimu minn dawk preżenti.

Tqajjem punt mill-minuti rigward il-ftehim li sar bejn il-Water Services Corporation u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsillli Lokali. Wara li saret diskussjoni fuq dan ir-rigward, il-President talab sabiex ir-Reġjun jipproponi terminu taż-żmien minn meta it-trinek magħmula mill-Water Services Corporation jistgħu jsiru. Kien hemm qbil illi dan it-terminu taż-żmien għandu jkun tlett xhur. Is-segretarju informa wkoll dwar korrispondenza illi saret mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn intalab jekk jistax jiġi aġġustat il-prezz ta' €50 li jingħata mill-Water Services Corporation sabiex jitranġaw it-trinek. Il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stqarr illi l-ammont ta' € 50 huwa marbut mal-ammont stabbilit minn Transport Malta. Huwa stqarr ukoll li bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet sabiex jitfassal pjan addattat għal xogħolijiet relatati mal-iskema tal-PPP li tista' ttaffi parti mill-problema.

## 1. Korrispondenza

1.1 L-Assembly of European Regions bagħtu d-dokumentazzjoni u l-formola tal-applikazzjoni li teħtieġ timtela mir-Reġjun Għawdex sabiex jissieħeb fl-Assemblea. Bħala rekwiżit finanzjarju, Reġjun Għawdex jeħtieġ iħallas l-ammont ta' € 3,885 fis-sena. Il-Kumitat qabel illi għandha tinkiteb ittra li-Segretarju Parlamentari Dr Chis Said sabiex l-ispiża msemmija għall-ewwel sena tiġi koperta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

1.2 Is-segretarja tal-Ministru għall-Għawdex talbet għall-aġenda proposta mill-kumitat Reġjonali. Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta l-aġenda fejn ġie deċiż illi l-aġenda proposta għandha tkun; 1) Relazzjoni bejn il-Ministeru għall-Għawdex u Reġjun Għawdex; 2) Regional Youth Council; 3) Conference of Peripheral Maritime Regions of Europe (Kollaborazzjoni); 4) Proġetti dwar *Renewable Energy*.

1.3 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill- Kumitat Reġjonali illi għadda ammont ta' € 5,000 fil-kont tar-Reġjun biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi għax-xhur li ġejjin.

1.4 Irċieva l-minuti tat-Technical meeting tal-European Regions Network illi saret ġewwa Bologna fl-24 u 25 ta' Novembru 2010.

1.5 Memo 148/2010 - Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki u Presidenti tal-Kumitati Reġjonali.

1.6 Memo 149/2010 – Linji Gwida dwar Trattament ta' Provvisti minn Għaqdiet Każini tal-Banda għall-fini ta' VAT

1.7 Memo 150/2010 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21563344 FAX: 21563355**

1.8 Memo 151/2010 – Appraisal Reports u Performance Bonuses lis-Segretarji Eżekuttivi

1.9 Memo 1/2011 – Insaħħu l-Komunità: Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern

1.10 Memo 2/2011 – Proċess ta' Digital Switchover

1.11 Irċieva mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward il-ftehim li hemm bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din il-korrispondenza ġiet diskussa mill-punt li tqajjem mill-minuti.

1.12 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'referenza għall-Memo 148/2010 fejn intqal illi l-Onorarja tal-Presidenti ma hiex marbuta mal-Onorarja ta' Membru Parlamentari u b'hekk iż-żieda ma tistax tingħata.

## 2. Offerta - Provvediment ta' servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun ta' Għawdex

2.1 Ir-rappreżentanti tal-Kumitat Reġjonali fuq il-Kumitat ta' aġġudikazzjoni u skont kif skedat fil-Memo 138/2010 ser ikunu Dr Samuel Azzopardi bħala Chairperson, Paul Buttiġieġ bħala membru, is-Segretarju tal-*Stakeholders Committee*, l-*Authorised Officer* u Ian Paul Bajada bħala Segretarju.

## 3. Website u Newsletter

3.1 Il-President propona illi jibda x-xogħol sabiex issir Website uffiċjali tar-Reġjun kif ukoll tibda toħroġ newsletter. Kullħadd qabel ma din il-proposta. Il-Kumitat qabel ukoll li għandha tinkiteb ittra lill-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex l-insinja tar-Reġjun tiġi approvata fl-anqas żmien possibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti

Month: November/December/January 2010

**Schedule of Payments (Payment Vouchers)**

| No | Details | Amounts (€) | A/C No | Chq No | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|
| 17 | SMS Ltd | 434.00 | | 17 | Airline Ticket - ERY Technical Meeting Bologna |
| 18 | Honorary | 424.33 | | 18 | President's Honorary - November 2010 |
| 19 | Salary | 1408.07 | | 19 | Executive Secretary - November 2010 |
| 20 | Petty Cash | 100.00 | | 20 | |
| 21 | CIR | 683.10 | | 21 | FS5 - November Salary |
| 22 | LES Tender - Advert | 50.00 | | 22 | Avert on Independent |
| 23 | Travel Subsistence Allowance Reimbursement | 195.50 | | 23 | Sub. Allowance - Archimed meeting 03.11.2010 |
| 24 | Xerri Garden Centre | 35.00 | | 24 | Flower Funeral Wreath |
| 25 | Salary | 1530.08 | | 25 | Executive Secretary - December 2010 |
| | cheque cancelled | | | 26 | |
| 26 | Honorary | 424.33 | | 27 | President's Honorary - December 2010 |
| 27 | CIR | 636.00 | | 28 | FSS-deducted from Pres. Hon. April-September 2010 |
| 28 | CIR | 663.28 | | 29 | FS5 - December Salary |
| 29 | Local Council Association | 20.00 | | 30 | Exec Secretary - Health insurance - Jan-May 2011 |

Dawn il-pagamenti ġew approvati.

5. **Materji Oħra**

5.1 Paul Buttiġieġ (Viċi-President) ta' rapport dwar il-kumitat li twaqqaf sabiex jorganizza diversi attivitajiet sabiex jiġi mfakkar 50 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex fosthom qed isiru preparamenti sabiex tiġi organizzata konferenza ġewwa Għawdex fejn jiġi diskuss ir-rwol li kellu Kunsill Ċiviku fil-kunstest tat-twaqqif tal-Kumitat Reġjonali f'Għawdex.

5.2 Is-Sur Noel (membru) tkellem dwar il-possibilta li jinħoloq Fond għall-Kommunita li jkun koordinat mill-Kumitat Reġjonali.

5.3 Is-Segretarju tkellem dwar l-attivitajiet sportivi li ser isiru mill-Kunsilli Lokali sabiex jinġabru fondi b'risq l-Arka Foundation f'għeluq l-10 snin mit-twaqqif tagħha. Is-segretarju nforma lill-Kumitat illi ser jikteb lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħtu rapport ta' x'ġie deċiż illi jorganizzaw il-Kunsilli.

5.4 Ġie approvat il-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Ġie deċiż illi s-segretarju għandu jkun intitolat għall-performance bonus kollu.

5.5 Peress li ma kienx hemm materji oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.00 pm

| | |
|---|---|
| Samuel Azzopardi<br>President<br>Reġjun Għawdex | Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv |